



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7586/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0353(NLE)

LIMITE

JUR 142
COMAR 6
ENV 271
COJUR 26

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni ta' Kompetenza tal-Unjoni Ewropea magħmula f'konformità mal-Artikolu 67(2) tal-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali

Dikjarazzjoni ta' Kompetenza tal-Unjoni Ewropea
magħmula f'konformità mal-Artikolu 67(2)
tal-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar
dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina
fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali

1. L-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") tissottometti, f'konformità mal-Artikolu 67(2) tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar rigward il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali ("il-Ftehim"), id-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza li ġejja fir-rigward ta' kwistjonijiet regolati mill-Ftehim.
2. L-Istati Membri huma r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja.

3. Skont l-Artikoli 3 u 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), f'xi kwistjonijiet l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva, u fi kwistjonijiet oħra l-kompetenza hija kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Skont l-Artikolu 4(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Istati Membri jibqgħu unikament kompetenti għall-kwistjonijiet kollha li fir-rigward tagħhom ma ngħatat l-ebda kompetenza lill-Unjoni fit-Trattati.
4. F'dan ir-rigward, l-Unjoni tiddikjara, l-ewwel nett, li hija kompetenti biex tidħol fi ftehimiet internazzjonali, u biex timplimenta l-obbligi li jirriżultaw minnhom, li huma relatati mal-qasam tal-ambjent, kompetenza kondiviża mal-Istati Membri, skont l-Artikolu 4(2), il-punt (e), TFUE. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-oġġettivi li ġejjin, f'konformità mal-Artikolu 191 TFUE:
- il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent;
 - il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;
 - l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali;
 - il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali li jindirizzaw problemi ambjentali reġjonali jew dinjin, u b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet li għalihom ġew adottati regoli tal-Unjoni, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fir-rigward ta' kwistjonijiet regolati mill-Ftehim biss sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jew deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim jistgħu jaffettwaw regoli komuni jew jibdli l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) TFUE. F'dan ir-rigward, il-konklużjoni tal-Ftehim, fisem l-Unjoni, ma taffettwax l-attribuzzjoni ta' kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont it-Trattati. B'mod partikolari, din id-Dikjarazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala li tagħmel użu mill-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward ta' oqsma koperti mill-Ftehim li jaqgħu taħt kompetenza kondiviża sal-punt li tali kompetenza tkun għadha ma ġietx eżerċitata internament mill-Unjoni. Fil-qasam tal-kompetenzi kondiviżi, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sa fejn il-Ftehim ma jaffettwax regoli komuni jew ma jibdix il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, inkluż l-iżvilupp futur prevedibbli tagħhom.

Għaldaqstant, il-firxa tal-kompetenza tal-Unjoni trid tiġi vvalutata abbażi ta' analiżi komprensiva u dettaljata tar-relazzjoni bejn il-Ftehim u d-dispożizzjonijiet preċiżi ta' kull miżura tal-liġi tal-Unjoni, fuq bażi ta' każ b'każ. L-ambitu u l-eżerċizzju ta' tali kompetenzi tal-Unjoni huma, min-natura tagħhom, soġġetti għal żvilupp kontinwu.

5. It-tieni nett, l-Unjoni tiddikjara li għandha kompetenza parallela biex twettaq attivitajiet fl-oqsma li ġejjin:

- ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku;
- il-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

F'konformità mal-Artikolu 4(3) u (4) TFUE, l-eżerċizzju tal-kompetenza parallela tal-Unjoni mhuwiex li jwassal biex l-Istati Membri ma jitħallewx jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom.

6. It-tielet nett, l-Unjoni tiddikjara li għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-politika komuni tas-sajd, f'konformità mal-Artikolu 3(1), il-punt (d), TFUE.

7. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma għalhekk kompetenti biex jikkonkludu l-Ftehim. Il-konklużjoni tal-Ftehim mill-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Ftehim.

8. Fir-rigward tal-miżuri li għandhom jiġu adottati skont il-Ftehim, il-qasam ta' kompetenza tal-Unjoni li fih taqa' l-miżura, ser jiddependi minn valutazzjoni interna tal-iskop jew il-komponent ewlieni tal-miżura li għandha tiġi adottata skont il-Ftehim kif ukoll l-oġġettivi u l-komponenti aktar speċifiċi għall-pożizzjoni li għandha tiġi stabbilita mill-Unjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ddeċidew dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 67(1) tal-Ftehim.
9. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kompetenzi trasferiti lill-Unjoni, din id-Dikjarazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, u għandha tiġi applikata skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati, b'mod partikolari l-Artikolu 355 TFUE. Skont l-Artikolu 355 TFUE, din id-Dikjarazzjoni mhijiex applikabbli għall-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej tal-Istati Membri li fihom it-Trattati ma japplikawx, u hija mingħajr preġudizzju għal tali atti jew pożizzjonijiet li jistgħu jiġu adottati skont il-Ftehim mill-Istati Membri kkonċernati f'isem u fl-interess ta' dawk il-pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej.
10. L-Unjoni ser tinforma lid-depożitarju dwar kwalunkwe modifika rilevanti tal-firxa tal-kompetenza tagħha, f'konformità mal-Artikolu 67(2) tal-Ftehim.